**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-31 ta' Jannar, 2020**

**Talba Numru: 59/2019 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 44**

**I.G. Enterprises Limited (C18849)**

**46, The Strand,**

**Sliema**

**Vs**

**Miriam Caruana**

**35 Bull Street**

**Valletta**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici pprezentat fil-25 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallasha s-somma ta' elf u tnejn u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,032.72c) bhala spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' kiri ta' vettura lill-konvenuta liema spejjez jikkonsistu fis-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) l-excess tal-claim, tmien mija u tnejn u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€832.72c) hlas ta' numru ta' kontravenzjonijiet inkorsi waqt il-kirja, li wara li tnaqqas id-depozitu ta' mija u hamsin ewro (€150) li kienet halset il-konvenuta l-bilanc dovut huwa ta' elf u tnejn u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,032.72c).

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data tal-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenuta ghalkemm debitament imsejjah baqghet ma deheritx ghas-seduta u lanqas kkontestat t-talbiet attrici.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentanza tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenuta regghet ma deheritx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tnejn u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,032.72c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**